MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1806/2002

**Bartholomew Engerer**

**Vs**

**Joseph Vella**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm500 (hames mitt lira Maltin) rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur, bhala konsegwenza ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta‘ Ottubru 2001 ghall-habta tas-1.50p.m. gewwa Triq il-Kbira, Mellieha, bejn il-vettura proprjeta’ ta’ l-attur u misjuqa minn Philip Bonello, bin-numru ta’ registrazzjoni FAF 504, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni IBC 039, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u

nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 5 ta’ Marzu 2002 u ta’ l-ittra ufficjali li intbaghtet fid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba lis-socjeta’ Gasan Mamo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta’ estera CGU Insurance plc, u interessi legali mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante illi l-incident awtomobilisitku in kwistjoni sehh unikament tort tal-attur, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda w ezamina d-dokumenti

Illi n-nuqqas ta’ qbil f’din il-kollizzjoni jikkonsisti minn fejn il-famuza terza vettura giet! Is-sewwieq tal-mutur tal-attur jallega li giet minn Main Street biex tikser lejn Cross Street – Mellieha (hdejn il-Belleview Restaurant) filwaqt li l-konvenut ighid li kienet hierga minn Cross Street ghal go Main Street.

Filwaqt li Philip Bonello is-sewwieq tal-mutur tal-attur kien konsistenti ‘a tempo vergine’ fil-versjoni tieghu, il-konvenut ippuntwalizza li l-vettura li kellu quddiemu harget minn fejn ried imur hu fil-kors tax-xhieda tieghu.

Illi l-partijiet jaqblu mal-iskizz kif redatt mill-Pulizija. Mhux kontestat li l-habta saret fil-karreggjata tal-mutur. Il-konvenut qieghed skuntrat ippuntat biex jidhol ghal go Cross Street fuq l-lemin tieghu. L-angolu mehud mill-konvenut mhux dak idoneu sabiex jikser il-kantuniera

aktar u aktar fejn ikun hemm splay – trid iddur maghha u mhux maqtugha – kif del resto ghamel il-konvenut.

Illi inoltre, qabel ma tikser fuq karreggjata opposta, triq tigi evalwata l-posizzjoni ta' terzi utenti fit-triq. Sewwieq irid jieqaf jesplora u meta jkun zgur li ma hemmx perikolu ghalih u ghal terzi – ikun jista jibda l-manuvra li jdur. Tant dan ma ghamlux illi kif huwa stess stqarr – mhux konkordat miz-zewg xhieda passiggiera taghhom li ma waqafx f'nofs it-triq izda baqa sejjer u jdur. Kellu jieqaf ghax hargitlu karrozza minn fejn kellhu jidhol hu. Li kieku ha l-prewkazjonijiet kif suppost, il-kollizzjoni ma kienitx issehh. Avolja, kif stqarr hu, l-mutur seta jghaddi minn warajh. Avolja hemm kontestazzjoni minn fejn din it-terza vettura giet – cioe jew hierga minn Cross Street jew kienet quddiem il-konvenut. Il-konvenut ma jistax jiskariga l-oneru tal-obbligi tieghu fuq terzi. Il-mutur kien fil-karreggjata tieghu u ma kien qed jostakola lil hadd anzi sab lil min jostakola it-triq tieghu.

Relattivament ghal quantum tad-danni, dana ma giex kontestat u qed jigi accettat.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' erba mija u disgha u hamsin Lira Maltin u disa u sittin centezmu (Lm459.69) danni subiti, bl-interessi mid-data tas-sentenza u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------